# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.5

**Kap 5: *Twieled għalina***

**Lezzjoni 5.5: *L-Iben t'Alla sar bniedem.***

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jitgħallmu l-istorja tal-Milied f'sekwenza.
2. Jieħdu pjaċir jirreċtaw u jsiru jafu aħjar il-personaġġi ta' din l-istorja.
3. Jagħrfu li Ġesù twieled għalina biex aħna mmorru l-ġenna.
4. Jaqsmu l-ferħ li jġib miegħu l-Milied ma' ta' madwarhom permezz t'għanjiet u reċti tal-Milied.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

1. Karta ta' Taħriġ Addizzjonali: **Rigal lil tal-familja.**
2. Kartolini wżati.
3. Mqass, kuluri u kolla tal-istik.
4. Kartun tal-kaxxi taċ-ċereali.
5. Links mill-Youtube (kollha meħuda mill-kartuns A King is born).
6. Karta ta' Taħriġ 5.4.



**Naqsmu flimkien (L-introduzzjoni)**

*Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu*

- Fakkar dak li sar fil-lezzjonijiet ta' qabel billi t-tfal isegwu l-ġrajja tat-twelid ta' Ġesù permezz ta' dawn il-links:
  http://www.youtube.com/watch?v=NgZKCNTMmaM
  http://www.youtube.com/watch?v=DzzOP9D7I9E
  http://www.youtube.com/watch?v=IvkC0ghWmhw

(kollha meħuda mill-kartuns *A King is born*)



**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**

- Għid lit-tfal li llum ser jagħmlu rigal żgħir lil tal-familja.
- Spjega pass pass kif ser jagħmlu boċċi biex jiddendlu mas-siġra tal-Milied.
- Qassam *worksheet* lil kull tifel jew tifla. Lil tfal li forsi jkollhom xi diffikultajiet ta' *fine motor skills* tista' tagħtihom *template* ta' boċċa waħda biss.

It-tfal jaqtgħu dawn il-boċċi tal-Milied u jwaħħluhom ma' kartuna tal-kaxxi taċ-ċereali bil-kolla tal-istik. Imbagħad:

1. Isibu stampi ta' *Ġesu`* Bambin minn fuq xi kartolini wżati.
2. Iwaħħlu l-istampi tal-Bambin fuq kull boċċa.
3. Iżejnuhom kif iridu. Jistgħu jużaw glitters, karti tar-rigali wżati, stikers, antaċċoli, zigarelli ...
4. Meta l-kolla u l-glitters ikunu nixfu, orbot biċċa spaga qasira biex ikollha ħolqa fejn tiddendel mas-siġra tal-Milied.

## Nisimgħu flimkien

- Agħlaq il-lezzjoni billi tistieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.4 u wara li tiddiskuti magħhom x'qed jaraw fl-istampa, tgħidilhom ipinġu l-kelma ĠESÙ.



## Nikbru flimkien (Il-punti ewlenin tal-lezzjoni)




1. Fil-Milied infakkru t-twelid ta' Ġesù.
2. Ġesù twieled għalina biex isalvana u aħna nistgħu mmoru l-ġenna.
3. Il-Milied hi festa ta' ferħ. Niċċelebrawh fil-25 ta' Diċembru.
4. Ir-rigali tal-Milied għandhom ikunu mill-qalb u m'hemmx għalfejn jiswew ħafna flus.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

Hekk kif l-Avvent hu żmien ta' tħejjija, aħna għandna dejjem nagħmlu dak li hu mistenni minna u nagħmlu dmirna fil-ħin biex inkunu preparati dejjem.

## Niċċelebraw flimkien

kant



- It-tfal ikantaw għanjiet tradizzjonali tal-Milied, speċjalment dawk Maltin biex inżommu t-tradizzjoni tagħna ħajja.

| *Ninni la tibkix iżjed* | *O Ġesù ħelwa tarbija* |
| --- | --- |
| *Ninni la tibkix iżjed<br>Ninni Ġesù Bambin<br>Ħallih għalina l-biki<br>Għax aħna midinbin.<br><br>Ejjew, ejjew ja anġli<br>Mis-sema, mija mija<br>Ħdejn Alla li ħalaqkom<br>Bambin ġewwa l-fisqija<br><br>Ninni la tibkix iżjed<br>Ninni Ġesù Bambin<br>Ħallih għalina l-biki<br>Għax aħna midinbin.* | *O Ġesù ħelwa tarbija<br>Ejja twieled ġewwa fija<br>Ġesù tfajjel, frott l-imħabba<br>Twieled f'qalbi, miegħi trabba.<br><br>O Re ħelu tal-imħabba<br>Il-qalb tiegħi bik tixxabba<br>Ejja, o Alla, Feddej tiegħi<br>Istrieħ f'qalbi, oqgħod miegħi<br><br>O Ġesù ħelwa tarbija<br>Ejja twieled ġewwa fija<br>Ġesù tfajjel, frott l-imħabba<br>Twieled f'qalbi, miegħi trabba* |

## Nitolbu

*O Ġesù Bambin, grazzi li twelidt għalina, għaliex inti biss tista' turina kif inkunu bravi biex immorru il-ġenna.*

